32000R2042

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2042/2000
tas-26 ta' Settembru 2000
li timponi dazju definittiv kontra d-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' sistemi ta' kameras tat-*television* li joriġinaw mill-Ġappun

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet li jifqgħu s-suq minn pajjiżi terzi li mhux Membri tal-Komunità Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 u 11(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mogħtija mill-Kummissjoni wara li kienet ikkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Investigazzjonijiet preċedenti

(1) F'April ta' l-1994, wara investigazzjoni kontra d-*dumping* li bdiet f'Marzu ta' l-1993 ("l-investigazzjoni oriġinali"), il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1015/94 [2] ("Regolament definittiv"), impona dazju definittiv kontra d-*dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' sistemi ta' telekameras ("TCS") li joriġinaw mill-Ġappun. L-investigazzjoni oriġinali kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 1992.

(2) F'Ottubru ta' l-1997, wara investigazzjoni ("l-investigazzjoni ta" kontra l-assorbiment) skond l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 ("ir-Regolament bażiku"), il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1952/97 [3], għolla r-rati tad-dazju definittiv kontra d-*dumping* għal żewġ kumpanniji konċernati, jiġifieri għal Sony Corporation ("Sony") u Ikegami Tsushinki & Co Ltd għal 108,3 % u 200,3 % rispettivament.

(3) F'Ġunju ta' l-1998, il-Kummissjoni, bir-Regolament (KE) Nru 1178/98 [4] nehdiet, skond l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, investigazzjoni dwar l-allegata evażjoni mill-miżuri kontra d-*dumping* fis-seħħ bl-immuntar ta' partijiet u moduli ta' TCS fil-Komunità ("l-investigazzjoni kontra l-ħrib mid-dazju"). Sussegwentement l-industrija tal-Komunità rtirat l-ilment u l-proċedura ġiet imwaqqfa fi Frar ta' l-1999. Fuq il-bażi ta' l-evidenza misjuba waqt l-investigazzjoni, il-Kummissjoni bdiet proċedura skond l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku dwar l-importazzjonijiet ta' ċertu partijiet ta' TCS li joriġinaw mill-Ġappun [5] ("l-investigazzjoni dwar il-partijiet").

(4) Barra minn hekk, investigazzjoni kontra d-*dumping* skond l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku bdiet f'Jannar ta' l-1999 dwar l-importazzjonijiet ta' TCS li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika (US) [6] ("l-investigazzjoni US"). Din l-investigazzjoni ġiet imwaqqfa fl-1 ta' Frar ta' l-2000, minħajr l-imposizzjoni ta' xi miżuri wara li għalqu l-faċilitajiet ta' produzzjoni ta' l-uniku fabbrikant u esportatur ta' TCS mill-US, kumpannija relatata ma' fabbrikant u esportatur importanti Ġappuniż ta' TCS.

2. Investigazzjoni preżenti

2.1. *Reviżjoni tad-data ta' l-eġħluq*

(5) Wara l-pubblikazzjoni ta' nota ta' l-imminenti data ta' l-eġħluq [7] tal-miżuri kontra d-*dumping* fis-seħħ fuq importazzjonijiet ta' TCS li joriġinaw mill-Ġappun, il-Kummissjoni rċiviet talba sabiex tirrivedi dawn il-miżuri skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(6) It-talba ġiet depositata fit-28 ta' Jannar ta' l-1999 minn Philips Digital Video Systems u Thomson Broadcast Systems ("l-applikanti l-fabbrikanti tal-Komunità") jew l-industrija tal-Komunità, li l-produzzjoni kollettiva tagħhom ta' TCS tikkostitwixxi 100 % tal-produzzjoni tal-Komunità ta' dan il-prodott skond l-Artikoli 4(1) u 5(4) tar-Regolament bażiku.

(7) It-talba kienet ibbażata fuq ir-raġunijiet illi d-data ta' l-eġħluq tal-miżuri x'aktarx twassal għall-kontinwazzjoni tar-rikorrenza ta' *dumping* u telf lill-industrija tal-Komunità.

(8) Wara li ġie determinat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, illi kien hemm biżżejjed evidenza għall-bidu ta' reviżjoni tad-data ta' l-eġħluq, il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni preżenti skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku bil-pubblikazzjoni ta' nota fil-Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej fit-30 ta' April ta' l-1999 [8].

---

(1) ĠU L 56, tas-6.3.1996, p. 1. Regolament hekk kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 905/98 (ĠU L 128, tat-30.4.1998, p.18).
(2) ĠU L 111, tat-30.4.1994, p.106. Regolament hekk kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 176/2000 (ĠU L 22, tas-27.1.2000, p. 29).
(3) ĠU L 276, tad-09.10.97, p. 20.
(4) ĠU L 163, tas-06.06.98, p. 20.
(5) ĠU C 38, tat-12.02.99, p. 2.
(6) ĠU C 17, tat-22.01.99, p. 4.
(7) ĠU C 334, tal-31.10.98, p. 15.
(8) ĠU C 119, tat-30.04.99, p. 11.

3. **Investigazzjoni**

(9) Il-Kummissjoni innotifikat uffiċċjalment lill-applikanti l-fabbrikanti tal-Komunità, il-fabbrikant u esportatur fil-Ġappun u r-rappreżentanti tal-gvern fil-pajjiż esportatur, dwar il-bidu tar-reviżjoni. Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet kollha u lil dawk li introduċew lilhom infushom fil-limitu ta' żmien indikat fin-Nota ta' Bidu. Il-Kummissjoni tagħat ukoll l-opportunità lill-partijiet direttament konċernati li jagħtu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jagħmlu talba għal seduta.

(10) L-applikanti l-produtturi tal-Komunità rrispondew għall-kwestjonarju. Fabbrikant u esportatur Ġappuniż wieħed biss irrisponda għall-kwestjonarju u l-ebda importatur mhux relatat ma rrisponda. Ħmistax -il utent irrispondew għall-kwestjonarju, għalkemm xi whud minnhom irrispondew parzjalment, u assoċjazzjoni ta' l-utenti pprovdiet ċertu informazzjoni.

(11) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li deherilha neċessarja għad-determinazzjoni tal-probabbilità tal-kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' *dumping* u telf, u ta' l-interess tal-Komunità. Saru visti għall-verifika fuq il-post tal-kumpanniji li ġejjin:

(a) *l-applikanti l-fabbrikanti tal-Komunità*:

— Philips BTS Broadcast Television Systems b.v., Breda ("Philips")

— Thomson Broadcast Systems, Cergy St Christophe ("Thomson").

(b) *Fabbrikanti u esportaturi fil-Ġappun*

— Hitachi Denshi, Ltd.

(12) L-investigazzjoni dwar il-probabbilità ta' kontinwazzjoni u/jew ta' rikorrenza ta' *dumping* kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar ta' l-1998 sal-31 ta' Diċembru ta' l-1998 ("il-perjodu ta' l-investigazzjoni" jew "IP"). L-eżami ta' tendenzi relevanti għall-kalkolu ta' kontinwazzjoni u/jew rikorrenza ta' telf kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar ta' l-1995 sal-31 ta' Diċembru ta' l-1998 (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa l-"IIP").

B. **PRODOTT TAĦT KONSIDERAZZJONI U PRODOTT SIMILI**

1. **Prodott taħt konsiderazzjoni**

(13) Il-prodott taħt konsiderazzjoni huwa sistemi ta' telekameras (TCS) li bħalissa huma klassifikati taħt il-kodiċi NM, ex 8525 30 90, ex 8537 10 91, ex 8537 10 99, ex 8529 90 81, ex 8529 90 88, ex 8543 89 95, ex 8528 21 14, ex 8528 21 16 u ex 8528 21 90 joriġinaw mill-Ġappun.

(14) Skond kif mniżżel fir-Regolament definittiv, TCS jistgħu jikkonsistu fil-partijiet segwenti, importati jew flimkien jew separatament:

— *head* tal-kamera bi tlett jew aktar sensuri (strumenti *charge-coupled* u *pick-up* ta' 12 mm jew aktar) b'aktar minn 400 000 *pixels* kull wieħed, li jistgħu jitqabbdu ma' *adapter* fuq wara, u li għandha speċifikazzjonijiet tar-*ratio* tas-sinjal akustiku ta' 55 dB jew aktar meta jkun qiegħed jaqbad b'mod normali; jew f'biċċa waħda mal-*head* tal-kamera u l-*adapter* flimkien f'"kaxxa" waħda, jew separati;

— ħġieta minn fejn wieħed jara (*viewfinder*) (diagonali ta' 38 mm jew aktar);

— stazzjon bażi jew *unit* għall-kontroll tal-kamera (CCU) mqabbad mal-kamera b'wajer;

— panel għall-kontroll operazzjonali (OCP) għall-kontroll tal-kamera (i.e. aġġustament tal-kulur, il-ftuħ tal-lenti jew tad-dijaframma) tal-kameras singoli;

— panel prinċipali għall-kontroll (MCP) jew *unit* ta' struttura ta' organizzazzjoni prinċipali (MSU) b'selezzjoni indikata tal-kamera, għad-dehera ġenerali u għall-aġġustament ta' diversi kameras li jitħaddmu minn diversi cameras 'il bogħod.

(15) Prodotti li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' hawn fuq huma:

— Lentijiet;

— Vidjo tejp rekorder;

— *Heads* tal-kamera b'unit għar-reġistrazzjoni fl-istess, inseparabbli "kaxxa";

— Kameras professjonali li ma jistgħux jintużaw għax-xandir;

— Kameras professjonali imniżżlin fl-Anness (kodiċi addizzjonali TARIC: 8786).

(16) Waqt li kienet għaddejja l-investigazzjoni instab illi mudel ġdid ta' TCS kien ġie żviluppat sa mill-1997, i.e. *head* ta' kamera għax-xandir li hija mqabbda ma' vidjo tejp rekorder ("camcorder"). L-investigazzjoni wriet illi kemm l-industrija tal-Komunità u l-fabbrikanti u esportaturi joffru *heads* tat-telekameras, b'mod ġenerali, b'konfigurazzjonijiet differenti, jew imqabbdin ma' *adapter* bi tlett assi jew ma' unit għar-reġistrazzjoni. Kif indikat hawn fuq, vidjo tejp rekorders u *heads* tal-kamera b'unit għar-reġistrazzjoni fl-istess "kaxxa" huma esklużi mill-ambitu tal-prodott taħt l-investigazzjoni li għaddejja bħalissa. Madankollu, *camcorders* jistgħu jikkonsistu wkoll f'*head* tal-kamera imqabbad ma' vidjo tejp rekorder mingħajr ma jkunu fl-istess "kaxxa". Fuq din il-bażi ġie konkluż illi dan it-tip ta' *head* ta' kamera taqa' taħt id-definizzjoni tal-prodott taħt konsiderazzjoni magħmula fir-Regolament definittiv. Barra minn hekk, ġie stabbilit illi fuq il-bażi tad-definizzjoni tal-prodott taħt konsiderazzjoni imsemmija hawn fuq il-*unit* għar-reġistrazzjoni biss ma taqgħax taħtha.

(17) L-investigazzjoni wriet ukoll illi TCS għax-xandir analogu ġew mibdulin gradwalment b'tip ġdid ta' TCS, TCS għal-xandir diġitali ("TCS diġitali") li ġew introdotti fis-suq tal-Komunità sa mill-1997. Dawn it-TCS diġitali jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-prodott taħt konsiderazzjoni fir-Regolament definittiv.

2. **Prodott simili**

(18) Ġie misjub illi ma kien hemm l-ebda differenzi bażiċi fil-karatteristiċi fiżiċi, u tekniċi, u fl-użu tat-TCS fabbrikati mill-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi u mibjugħin fil-Komunità, u l-prodott fabbrikat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiż esportatur.

(19) Barra minn hekk, il-prodott konċernat fabbrikat mill-fabbrikant u esportatur Ġappuniż u mibjugħ fil-Komunità u l-prodott fabbrikat u mibjugħ mill-applikanti l-fabbrikanti tal-Komunità fis-suq tal-Komunità jużaw l-istess teknoloġija bażika u huma t-tnejn konformi ma' l-i*standards* ta' l-industrija li huma applikati madwar id-dinja kollha. Dawn il-prodotti għandhom ukoll l-istess applikazzjonijiet u użu, konsegwentement għandhom karatteristiċi, fiżiċi u tekniċi simili, jistgħu jintużaw minflok xulxin u jikkompetu ma' xulxin. Barra minn hekk, kemm l-applikanti l-fabbrikanti tal-Komunità u l-fabbrikant u esportatur Ġappuniż jiffabbrikaw prodotti diġitali u camcorders, li huma l-aħħar żviluppi fit-teknoloġija relatata mal-prodott konċernat hekk kif imqabbel ma' l-investigazzjoni oriġinali. Għalhekk, TCS fabbrikati minn fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi u mibjugħin fil-Komunità u TCS fabbrikati u mibjugħin mill-industrija tal-Komunità li għamlet l-ilment fis-suq tal-Komunità huma l-istess fis-sens ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA JEW KONTINWAZZJONI TAD-*DUMPING*

(20) Skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, l-iskop ta' din it-tip ta' reviżjoni fil-konfront ta' l-aspetti tad-*dumping* huwa li jiġi determinat jekk il-miżuri tad-data ta' l-eġħluq iwasslux jew le għall-kontinwazzjoni u/jew għar-rikorrenza ta' *dumping*.

1. Livell ta' koperazzjoni

(21) Meta mqabbel ma' investigazzjonijiet preċedenti, il-livell ta' koperazzjoni fl-investigazzjoni preżenti mill-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi kienet partikolarment baxxa. Wieħed mill-iżgħar fabbrikanti ta' TCS biss ikkopera u rraporta numru marġinali ta' esporti tal-prodott konċernat lill-Komunità. It-tlett kumpanniji 'l oħrajn li kienu introduċew lilhom infushom fl-investigazzjoni oriġinali rriffjutaw li jipprovdu xi kollaborazzjoni għalkemm huwa magħruf sewwa li għandhom l-uffiċċju prinċipali, fabbrikazzjoni prinċipali u faċilitajiet ta' riċerka u żvilupp fil-Ġappun u li, ta' l-anqas għal tnejn minnhom, inbigħhu TCS bl-isem tal-fabbrika tagħhom fil-Komunità matul l-IP fi kwantitajiet sostanzjali.

2. Probabbiltà tal-kontinwazzjoni tad-*dumping*

(22) Minħabba l-livell baxx ta' koperazzjoni u l-fatt illi l-informazzjoni fl-istatistiċi disponibbli mingħand il-Eurostat f'dan il-qasam kienet ikkonsidrata li m'hijiex ta' min joqgħod fuqha (il-kodiċi NM ikopru wkoll prodotti mhux konċernati), ma setgħax jiġi stabbilit b'ċertezza jekk kienx hemm importazzjonijiet ta' TCH bħal dawn mill-Ġappun. Madankollu, jiġi mfakkar illi matul l-IP, partijiet importanti tat-TCS kienu importati fil-Komunità. Barra minn hekk, ġie stabbilit illi TCS fabbrikati fl-US minn sussidjarja tas-Sony kienu importati fil-Komunità fi kwantitajiet sostanzjali. Meta sar bilanċ, kien għalhekk ikkonsidrat prudenti li jkun konkluż illi l-volumi ta' importazzjonijiet kurrenti li joriġinaw mill-Ġappun kien baxx meta mqabbel mal-volumi ta' importazzjonijiet matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni oriġinali. Għalhekk l-ebda konklużjoni ma saret dwar il-probabbiltà tal-kontinwazzjoni tad-*dumping*.

3. Probabbiltà tar-rikorrenza ta' *dumping*

(23) Fin-nuqqas ta' koperazzjoni mill-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi prinċipali, u skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultati kellhom jiġu stabbiliti fuq l-bażi tal-fatti għad-disposizzjoni. Konsegwentement, u fin-nuqqas ta' fonti ta' informazzjoni ta' min joqgħod fuqha, l-analiżi dwar il-probabbiltà tar-rikorrenza ta' *dumping*, jekk il-miżuri jilħqu jiskadu, kienet ibbażata fuq informazzjoni prevista fit-talba għal reviżjoni kif ukoll fuq informazzjoni miksuba matul l-investigazzjoni mingħand l-industrija tal-Komunità u mingħand l-utenti tat-TCS.

(24) Skond it-talba, il-livell ta' *dumping* għall-*head* tal-kamera biss huwa ta' 30,6 %. Il-kalkolu korrispondenti fih numru ta' estimi konservattivi. Per eżempju, elementi oħrajn ta' TCS ma ttieħdux in konsiderazzjoni għall-iskop tal-kalkolu imsemmi hawn fuq għalkemm dawn xi kultant jingħataw mingħajr ħlas. Dan jindika illi l-livell propju ta' *dumping* f'każ illi jitneħħa d-dazju x'aktarx ikun ogħla minn 30,6 %.

(25) It-talba turi wkoll illi l-marġini ta' *dumping* jilħqu ta' l-anqas il-livell misjub fl-investigazzjoni oriġinali jekk il-miżuri jirneħħew.

(26) Fuq din il-bażi, u fin-nuqqas ta' infomazzjoni oħra aktar appropjata, ġie konkluż illi, jekk il-miżuri jiġu mħassrin, il-marġini ta' *dumping* jerġgħu jitilgħu fl-livelli sinifikattivi.

(27) F'dak li għandu x'jaqsam mal-volum probabbli ta' esporti ta' TCS lejn il-Komunità, instab illi skond l-informazzjoni għad-disposizzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni ta' TCS fil-Ġappun baqgħet ta' l-anqas fl-istess livell kif misjub fl-investigazzjoni oriġinali u huwa għoli biżżejjed li jippermetti li tkompli esportazzjoni konsiderevoli lejn il-Komunità kieku d-dazju kontra d-*dumping* kellu jiskadi. Dan huwa kkonfermat bill-fatt illi l-bejgħ ta' TCS immuntati fil-Komunità u f'pajjiżi terzi, li normalment jinkorporaw partijiet ta' valur għoli u kruċjali li joriġinaw mill-Ġappun, jindika li l-kapaċità ta' produzzjoni bażikament baqgħet ma nbidlitx.

(28) Barra minn hekk, minħabba n-natura mobbli tal-produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni għal dawn il-prodotti jekk ikun hemm bżonn tista' tespandi fi żmien ta'xhur. Tabilħaqq, il-fatt illi faċilitajiet ta' fabbrikazzjoni ta' wieħed mill-fabbrikanti u esportaturi jiġu trasferiti mill-US għall-Komunità f'perjodu ta' żmien ta' ftit xhur jindika b'mod ċar illi il-kapaċità ta' produzzjoni għall-prodott konċernat tista' tiġi kkreata/imkabbra jew imnaqqsa

f'perjodu qasir ta' żmien. Jekk il-miżuri kontra d-*dumping* jiskadu, l-attivitajiet ta' fabbrikazzjoni għal TCS fil-Komunità jistgħu jiġu trasferiti lejn il-Ġappun u l-kapaċità ta' produzzjoni fil-Ġappun tista' faċilment tespandi sabiex terġa' tibda bl-esportazzjoni lejn il-Komunità

(29) Matul l-IIP, bl-eċċezjoni tas-Sony, il-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi kollha ffabbrikaw it-TCS tagħhom għas-swieq ta' l-US u ta' l-Amerika Latina fil-Ġappun. Barra minn hekk, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni għad-disposizzjoni ġie stabbilit illi TCS destinati għas-swieq Ġappuniżi u Asjatiċi kienu qegħdin jiġu manifatturati fil-Ġappun mill-fabbrikanti kollha. Barra minn hekk, attivitajiet R&D għal dawn il-prodotti kienu lokati fil-Ġappun ukoll minħabba li parti importanti minn dawn l-attivitajiet jibbenefikaw mhux biss lit-TCS imma wkoll kameras professjonali kif ukoll prodotti oħrajn. Il-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi kienu kappaċi jadattaw għad-domanda li kienet qegħda tinbidel billi żiedu l-produzzjoni tagħhom fil-Ġappun meta s-suq espanda. Dan wassal għall-konklużjoni li kien hemm kapaċità ta' produzzjoni fil-Ġappun lesta biex tintuża meta l-konsum kemm fil-Komunità u madwar id-dinja jiżdied. Għalhekk, jekk il-miżuri kontra d-*dumping* jiskadu, hemm probabbiltà li x'aktarx tiżdied il-produzzjoni tal-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi.

(30) Ġie konkluż illi l-kapaċità ta' produzzjoni eżistenti, kif ukoll il-possibilità li tiżdied jekk ikun neċessarju, tikkostitwixxi potenzal għall-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi li jgħollu l-produzzjoni tagħhom u l-volumi ta' esportazzjoni lill-Komunità jekk ikun il-każ li l-miżuri kontra d-*dumping* jitneħħew. Meta tikkonsidra li l-faċilitajiet ta' riċerka u żvilupp kif ukoll il-faċilitajiet ta' produzzjoni għall-partijiet prinċipali tat-TCS kienu lokalizzati fil-Ġappun, dan jista' jirriżulta f'titjib fl-ekonomiji tad-daqs tal-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi.

(31) Għandu jiġi nnotat ukoll illi ż-żewġ fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi li waqqfu faċilitajiet għall-immuntar ta' TCS fil-Komunità żammew il-produzzjoni għall-esportazzjoni lejn il-Komunità ta' prodotti li m'humiex suġġetti għal dazji kontra d-*dumping* fil-Ġappun i.e. vidjo tejp rekorders, *heads* tal-kamera b'unit għar-reġistrazzjoni fl-istess, inseparabbli "kaxxa", u kameras professjonali li ma jistgħux jiġu użati għax-xandir. Għalkemm kif imsemmi hawn fuq, dawn il-prodotti ma jaqgħux taħt l-investigazzjoni preżenti, il-linji ta' produzzjoni u kapaċità relatata neċessarja sabiex jiġu fabbrikati huma wkoll appropjati għall-produzzjoni ta' TCS. Fuq din il-bażi u fin-nuqqas ta' xi informazzjoni oħra minħabba n-nuqqas ta' koperazzjoni mill-fabbrikanti u esportaturi konċernati, ġie konkluż illi għalkemm l-imposizzjoni ta' dazju kontra d-*dumping* wasslet għal bidla fl-organizzazzjoni tal-produzzjoni tat-TCS mill-fabbrikanti u esportaturi konċernati, jekk il-miżuri kontra d-*dumping* jiskadu hemm il-probabbiltà li dan ibiddel is-sitwazzjoni.

4. **Konklużjoni**

(32) Jirriżulta minn dan ta' hawn fuq illi l-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi għandhom il-potenzal li jgħollu l-produzzjoni tagħhom fil-Ġappun u l-volumi ta' esporti tagħhom ta' TCS lejn il-Komunità bi prezzijiet li huma baxxi aktar mill-prezz normali b'mod sinifikattiv.

(33) L-investigazzjoni ma kixfet l-ebda fatti li juru li s-sitwazzjoni dwar il-valur normali, prezzijiet għall-esportazzjoni u konsegwentement il-marġini ta' *dumping* stabbiliti fl-investigazzjoni oriġinali, l-investigazzjoni kontra l-assorbiment u l-investigazzjoni kontra l-evażjoni mit-taxxi tbiddlu b'mod sinifikativ. Ġie għalhekk konkluż illi, jekk il-miżuri jiġu mneħħijin, hemm il-probabbiltà ta' rikorrenza tad-*dumping*.

D. **DEFINIZZJONI TA' L-INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ**

(34) L-investigazzjoni kkonfermat illi l-produzzjoni kollettiva taż-żewġ applikanti l-fabbrikanti tal-Komunità tammonta għal 100 % tal-fabbrikanti ta' TCS fil-Komunità. Iż-żewġ fabbrikanti għalhekk huma kkonsidrati li jikkostitwixxu l-industrija tal-Komunità fis-sens ta' l-Artikolu 4(1) u ta' l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku.

(35) F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-operaturi ekonomiċi l-oħrajn fil-Komunità relatati mal-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi, minħabba l-livell baxx ta' koperazzjoni, in-natura ta' l-attivitajiet tagħhom fil-Komunità ma setgħetx tiġi investigata fid-dettal, i.e. jekk dawn l-attivitajiet humiex sempliċiment operazzjonijiet ta' immuntar jew jekk hemmx ċertu valur miżjud ġewwa l-Komunità. Għalhekk ma setgħax jiġi determinat jekk dawn l-operazzjonijiet ta' immuntar humiex biżżejjed sabiex jiġu kwalifikati bħala kumpanniji li jiffabbrikaw il-prodott taħt konsiderazzjoni fil-Komunità. Barra minn hekk, minħabba r-relazzjoni tagħhom mal-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi, kien ikkonsidrat li dawn għandhom jiġu eskluži mill-industrija tal-Komunità skond l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament bażiku.

E. **ANALIŻI TAS-SITWAZZJON FIS-SUQ TAL-KOMUNITÀ** [1]

1. **Rimarki preliminari**

(36) Kif ġie deskritt hawn fuq, il-prodott taħt konsiderazzjoni fl-investigazzjoni preżenti huwa TCS li jikkonsisti f'*head* ta' kamera bi tlett jew aktar sensuri, ħġieġa minn fejn tara (*view finder*), stazzjon bażi jew unit għall-kontroll tal-kamera (CCU), panel għall-kontroll operazzjonali (OCP), panel prinċipali għall-kontroll (MCP) jew unit ta' struttura ta' organizzazzjoni prinċipali (MSU). Fil-prattika dawn il-komponenti jistgħu jibigħhu u għalhekk jistgħu ukoll jiġu importati jew flimkien jew separatament.

[1] Minħabba li hemm biss numru limitat ta' parteċipanti fis-suq, il-figuri relatati magħhom ingħataw indiċi għal raġunijiet ta' kunfidenzalità.

(37) L-investigazzjoni kkonfermat illi filwaqt li t-TCS mhux dejjem jikkonsistu f'dawn l-elementi msemmijin hawn fuq, huma kollha bilfors irid ikollhom *head* tal-kamera. Għalhekk, skond l-linja ta' approċċ li ttieħdet fl-investigazzjoni oriġinali, ġie deċiż li l-indikaturi ekonomiċi dwar is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità u s-sitwazzjoni fis-suq tal-Komunità tiġi espressa f'termini tan-numru ta' *heads* tat-telekameras ("TCHs").

2. **Konsum**

(38) Kif imsemmi hawn fuq, wieħed biss mill-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi kkopera fl-investigazzjoni preżenti. Għalhekk, fil-konfront tal-fabbrikanti u esportaturi li ma kkoperawx u li għalihom l-investigazzjoni wriet illi dawn għadhom joperaw fis-suq tal-Komunità, il-Kummissjoni għamlet użu mill-aħjar fatti li kien hemm għad-disposizzjoni, skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(39) Għalhekk, il-konsum apparenti ta' TCS fil-Komunità ġie stimat fuq il-bażi ta':

— l-volum ta' bejgħ fil-Komunità fuq informazzjoni provduta mill-industrija tal-Komunità u

— informazzjoni dwar il-volum ta' bejgħ tal-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi fil-Komunità mogħtija mill-industrija tal-Komunità u stabbilita fuq il-bażi ta' kuntratti u appalti li tilfet l-industrija tal-Komunità u li ħadu l-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi kollha fis-suq tal-Komunità. Din l-informazzjoni kienet ikkonsidrata ta' min joqgħod fuqha minħabba n-natura trasparenti tas-suq f'termini ta' daqs u numru ta' parteċipanti fis-suq, minħabba li dan ikun fornut l-aktar permezz ta' appalti. Barra minn hekk, l-informazzjoni provduta mill-utenti kkonfermat l-informazzjoni provduta mill-industrija tal-Komunità dwar l-attività tal-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi.

(40) Minħabba l-livell baxx ta' koperazzjoni u l-fatt li l-informazzjoni statistika għad-disposizzjoni mingħand il-Eurostat f'dan il-qasam ma kinietx ikkonsidrata ta' min joqgħod fuqha, ma setgħax jiġi stabbilit jekk it-TCSs kienux importati bħala tali mill-Ġappun. Madankollu, indipendentement mill-oriġni tagħhom, dawn it-TCHs ġew effettivament mibjugħin fil-Komunità taħt l-isem tal-fabbrika rispettiva fis-suq tal-Komunità u għalhekk ġew inklużi fil-konsum ta' dan il-prodott mill-Komunità.

(41) Fuq din il-bażi, l-investigazzjoni wriet illi, filwaqt li l-konsum kien stabbli fl-1995 u l-1996, kien hemm espansjoni ġenerali fl-1997, li kompliet matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan kien dovut, fost raġunijiet oħrajn, għall-bejgħ ta' TCHs għax-xandir tal-futbol tat-Tazza tad-Dinja li saret fi Franza fl-1998 u għall-introduzzjoni fis-suq ta' tip ġdid ta' TCH, i.e. *camcorders*, li bdiet mill-1997. F'termini ġenerali, mill-1995 sal-perjodu ta' l-investigazzjoni, il-konsum tal-Komunità żdied b'54 %, li laħaq madwar 1 500 unitajiet matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni.

3. **Importazzjonijiet u bejgħ ta' TCHs mill-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi lejn il-Komunità**

(42) Wara l-imposizzjoni tad-dazju definittiv kontra d-*dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' TCHs li joriġinaw mill-Ġappun fl-1994, dawn l-importazzjonijiet naqsu b'mod sinifikanti. Kif ikkonfermat mid-deterrent imsemmi hawn fuq, partijiet u investigazzjonijiet dwar l-US, dawn l-importazzjonijiet ġew sostitwiti bl-importazzjonijiet ta' ċertu partijiet ta' TCS li joriġinaw mill-Ġappun li wara jiġu mmuntati fil-Komunità minn ċertu fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi u, fil-każ ta' wieħed mill-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi, b'TCHs mhux kompluti li jiġu importati mill-US. Tabilħaqq, l-investigazzjoni kurrenti wriet illi il-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi komplew ibigħhu TCHs fis-suq tal-Komunità taħt l-ismijiet tal-fabbriki tagħhom.

(43) Għalhekk, it-tnaqqis fl-importazzjonijiet ta' TCHs li joriġinaw mill-Ġappun għandu jidher bħala konsegwenza tad-dazju kontra d-*dumping* fis-seħħ sa mill-1994. Il-fatt illi dawn l-importazzjonijiet ġew sostitwiti bil-bejgħ ta' TCHs immuntati fil-Komunità li fihom partijiet li joriġinaw mill-Ġappun juri li, kif spjegat hawn taħt, hemm il-probabbiltà li jkun hemm importazzjonijiet mill-pajjiż konċernat fl-istess livelli li nstabu fl-investigazzjoni oriġinali, jekk il-miżuri kontra d-*dumping* jitneħħew.

4. **Sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità**

(44) Skond l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, ġew eżaminati l-fatturi relevanti kollha u l-indiċi li għandhom effett fuq l-istat ta' l-industrija tal-Komunità.

(45) L-indikaturi ekonomiċi dwar is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità jridu jidhru fid-dawl ta' investigazzjonijiet preċedenti dwar it-TCS li joriġinaw mill-Ġappun, i.e. l-investigazzjoni oriġinali fl-1994 u l-investigazzjoni sussegwenti kontra l-assorbiment li wasslet għal żieda fir-rati ta' dak id-dazju kontra d-*dumping*. L-investigazzjoni preżenti wriet illi din ta' l-aħħar kellha effett posittiv fuq is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità. Minn barra dan, żewġ fatturi oħrajn relatati ma' l-iżviluppi teknoloġiċi wkoll kellhom impatt fuq xi wħud mill-indikaturi ta' hawn taħt, i.e. l-introduzzjoni ta' *camcorders* imsemmijja hawn fuq, mudell ġdid ta' TCHs, fis-suq mill-1997 u l-iżvilupp ta' ġenerazzjoni ġdida ta' TCHs diġitali li wkoll bdew fl-1997.

4.1. *Produzzjoni*

(46) Il-produzzjoni totali ta' TCHs mill-industrija tal-Komunità naqset b'mod sinifikattiv bejn l-1995 u l-1996, i.e. bi 32 %, wara reġgħet żdiedet b'mod stabbli bejn l-1997 u l-perjodu ta' investigazzjoni, madankollu mingħajr qatt ma reġgħet laħqet il-livelli ta' l-1995. F'dan is-sens il-produzzjoni segwiet l-evoluzzjoni tas-suq tal-Komunità sa mill-1997.

4.2. *Kapaċità ta' produzzjoni u kapaċità ta' utilizzazzjoni*

(47) Matul l-IIP il-kapaċità ta' produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità baqgħet stabbli. Il-kapaċità ta' utilizzazzjoni għat-TCHs niżlet bejn l-1995 u l-1996, i.e. bi 32 %, li reġgħet żdiedet lejn il-perjodu ta' l-investigazzjoni. Dan l-iżvilupp bl-istess mod jirrifletti iż-żieda fil-volumi tal-produzzjoni msemmijja hawn fuq.

4.3. *Volumi ta' bejgħ*

(48) Il-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità naqas b'10 % bejn l-1995 u l-1996 u minn dak iż-żmien sa l-1997 u l-perjodu ta' l-investigazzjoni, i.e. f'termini ġenerali żdied b'21 % bejn l-1995 u l-perjodu ta' l-investigazzjoni, fejn laħħaq madwar 850 unitajiet, madankollu, mingħajr ma rriflettа l-espansjoni tal-konsum tal-Komunità, li żdied b'mod sostanzjali, i.e. b'54 %, matul l-istess perjodu ta' żmien.

4.4. *Ishma fis-suq*

(49) In-nuqqas b'mod stabbli tas-sehem fis-suq ta' l-industrija tal-Komunità bejn l-1995 u l-perjodu ta' l-investigazzjoni b'aktar minn 16 -il punt perċentwali, li laħħaq madwar 60 % matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni, juri li l-industrija tal-Komunità ma bbenefikatx mill-espansjoni fil-konsum tal-Komunità jew mill-kondizzjonijiet tas-suq favorevoli sa mill-1997 li rriżulta mill-konklużjoni ta' l-investigazzjoni kontra l-assorbiment.

4.5. *Impiegi*

(50) L-impiegi baqgħu stabbli sa mill-1996, f'liema sena kienu żdiedu b'20 %, bħala riżultat ta' l-introduzzjoni ta' *camcorders* u ġenerazzjoni ġdida ta' TCS diġitali.

4.6. *Investiment*

(51) L-investimenti naqsu b'mod sostanzjali bejn l-1995 u l-1996, i.e. b'21 %, wara l-evoluzzjoni negattiva fil-produzzjoni u l-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità. Dawn reġgħu żdiedu b'mod sostanzjali fl-1997, b'madwar 100 %, minħabba, fost raġunijiet oħġrajn, l-investimenti f'riċerka u żvilupp relatati ma' l-iżvilupp ta' ġenerazzjoni ġdida ta' TCS diġitali imma reġgħu naqsu b'mod sinifikattiv fil-perjodu ta' l-investigazzjoni.

4.7. *Profitabilità*

(52) Fl-1995 u b'mod speċjali fl-1996, l-industrija tal-Komunità sofriet telf sinifikanti li naqas biss sa mill-1997 fi żmien meta, fost affarijiet oħrajn, ir-rata ta' anti-*dumping* imposta fuq it-TCS li joriġinaw mill-Ġappun kienet ġiet mgħollija u l-*camcorders* kienu ġew introdotti fis-suq b'suċċess. Madankollu, matul dan il-perjodu, il-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità kompla jagħmel telf. Dan it-telf kien għadu f'livell ta' madwar –10 % fuq bejgħ nett matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

5. **Konklużjoni dwar is-sitwazzjoni fis-suq tal-Komunità**

(53) L-investigazzjoni wriet illi d-dazju kontra d-*dumping* rari ġie mħallas matul l-IIP. Tabilħaqq, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-imposizzjoni ta' dazji kontra d-*dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' TCHs li joriġinaw mill-Ġappun, dawn ġew sostitwiti b'importazzjonijiet ta' partijiet ta' TCHs li joriġinaw mill-Ġappun, li kienu suġġetti għal investigazzjonijiet kontra l-ħrib mill-ħlas u kontra d-*dumping* sa mill-1998. Madankollu, l-iżvilupp fis-suq wara l-imposizzjoni tal-miżuri juri li l-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi komplew ibigħhu TCHs fis-suq tal-Komunità.

(54) F'dak li għandu x'jaqsam mal-komportament tal-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi f'dak li għandu x'jaqsam ma' prezzijiet, l-investigazzjoni kontra l-assorbiment konkluża fl-1997 uriet illi l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni tal-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi kienu niżlu taħt il-livell ta' l-1994.

(55) Wara l-imposizzjoni ta' miżuri kontra d-*dumping* fl-1994, u waqt l-IIP kollu, is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità tjiebet f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi whud mill-indikaturi ekonomiċi li ġew eżaminati. Saru sforzi kontinwi sabiex il-proċess ta' produzzjoni jkun razzjonalizzat u saru wkoll investimenti ġodda, li wrew li l-industrija għadha vijabbli. Madankollu, l-istima komplessiva ta' l-indikaturi ekonomiċi matul l-IIP ma turix żvilupp favorevoli. Tabilħaqq, matul l-IIP, il-volum fil-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità ma segwiex it-tendenza li jkompli jikber bħat-tendenza tas-suq u żdied biss b'21 % meta l-konsum tal-Komunità espanda b'54 %. Dawn it-tendenzi opposti rriżultaw f'telf fis-sehem fis-suq ta' l-industrija tal-Komunità b'16 -il punt perċentwali. Barra minn hekk, għalkemm it-telf tagħha naqas matul l-IIP, l-industrija tal-Komunità kompliet issofri telf ta' madwar -10 % matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni billi f'din l-industrija, livell ta' profitt ta' 15 % jrid jiġi kkonsidrat neċessarju sabiex jiffinanzja l-investiment neċessarju sabiex wieħed jibqa' aġġornat ma' l-aħħar żviluppi teknoloġiċi.

(56) Għalhekk fuq il-bażi ta' dak li ntqal ħawn fuq, minkejja il-miżuri fis-seħħ, minħabba l-pressjoni kontinwa fuq il-prezzijiet mill-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi, l-industrija tal-Komunità baqgħet f'sitwazzjoni ekonomika diffiċli. Din il-pressjoni fuq il-prezzijiet ma ħallietx lill-industrija tal-Komunità tirkupra kompletament mill-effetti ta' prattiċi ta' *dumping* li kienu saru u li għadhom għaddejjin.

F. **PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI U/JEW RIKORRENZA TA' *DUMPING* LI JWASSAL GĦAL TELF**

(57) Sabiex jiġi stimat l-effett probabbli ta' l-iskadenza tal-miżuri fis-seħħ, u jittieħed kont tal-fatt illi l-industrija tal-Komunità għadha f'sitwazzjoni diffiċili, kienu kkunsidrati l-elementi li ġejjin, ma' dawk li kienu diġà ġew imsemmijin hawn fuq.

(58) L-investigazzjoni kurrenti wriet illi l-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi komplew ibigħhu TCHs fis-suq tal-Komunità taħt l-isem tal-fabbrika tagħhom [1].

(59) Tabilħaqq, il-bejgħ ta' TCHs mill-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi fil-Komunità żdied b'mod konsiderevoli matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni f'termini ta' volum bejn l-1995 u l-perjodu ta' l-investigazzjoni, i.e. b'157 %, li laħħaq madwar 600 unità.

(60) F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-iżvilupp tas-sehem tagħhom fis-suq, it-tendenza ġenerali turi żieda kostanti u sinifikanti bejn l-1995 u l-perjodu ta' l-investigazzjoni, i.e. b'aktar minn 16 -il punt perċentwali, fejn laħaq livell ta' madwar 40 % matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni.

(61) F'dak li għandu x'jaqsam mal-prezzijiet tal-bejgħ tal-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi tat-TCHs mibjugħin fis-suq tal-Komunità, l-investigazzjoni wriet li dawn kienu iktar baxxi mill-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità b'mod sinifikanti.

(62) Il-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi ma pprovdew l-ebda informazzjoni dwar il-prezzijiet ta' bejgħ. Madankollu, ġie stabbilit illi l-bejgħ magħhmul permezz ta' appalti kemm mill-industrija tal-Komunità kif ukoll mill-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi rrappreżenta parti importanti mill-bejgħ kollu ta' TCHs matul l-IP (madwar 40 %). Fuq il-bażi ta' appalti li l-informazzjoni dwarhom nġiebet mingħand l-industrija tal-Komunità u l-utenti, l-prezzijiet offerti mill-fabbrikanti u esportaturi kienu, b'mod ġenerali, orħos mill-prezzijiet offruti mill-industrija tal-Komunità kemm għall-appalt kollu [2] kif ukoll għal TCHs meħudin waħedhom. F'wieħed mill-appalti analizzati, il-prezzijiet globali offruti minn fabbrikant u esportatur Ġappuniż wieħed kienu 37 % orħos minn dawk offruti minn produttur tal-Komunità. F'dan l-appalt, il-fabbrikant tal-Komunità kellu jagħti skont addizzjonali ta' 40 % sabiex jirbaħ l-appalt. Appalt ieħor fi Stat Membru ieħor wera li, fit-tieni taqsima tan-negozjati u minkejja li kienu għamlu skonti sinifikanti bejn l-ewwel u t-tieni taqsima, l-offerta finali tal-fabbrikant u u esportatur Ġappuniż xorta kienet għadha 20 % orħos mill-offerta tal-fabbrikant tal-Komunità li kien qiegħed jipparteċipa għall-appalt. F'dawn iċ-ċirkostanzi, dan ta' l-aħħar tilef l-appalt.

(63) Ġie stabbilit ukoll illi l-prezzijiet orħos li ġew offerti matul l-offerti għall-appalt bilfors li jinfluwenzaw il-prezzijiet kollha li jiġu negozzjati f'operazzjonijiet li jsiru wara u appalti sussegwenti li jsiru fl-istess Stat Mambru. Isegwi li l-komportament tal-prezzijiet fl-appalti fil-fatt influwenza sehem sinifikament ogħla mill-40 % minnu li kienu direttament regolati bl-appalti. Għalhekk l-analiżi ta' l-appalti ma wrietx biss kemm il-prezzijiet offerti mill-industrija tal-Komunità ġew affettwati mill-prezzijiet baxxi offruti mill-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi waqt l-offerti għall-appalt (sa 37 %) imma wkoll l-effett li kellhom l-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' *dumping* fuq il-prezzijiet ta' bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità fejn kellhom jinżlu ħafna.

(64) Dawn id-differenzi għandhom jidhru filwaqt li wieħed irid iżomm f'moħħu illi s-suq għat-TCS instab li hu sensittiv għall-prezz u hu trasparenti, b'numru żgħir ta' partijiet li jieħdu sehem, u li l-industrija tal-Komunità ġarrbet telf ta' madwar 10 %, billi fl-industrija ta' dan it-tip ta' teknoloġija għolja profit ta' 15 % huwa kkonsidrat xieraq sabiex l-industrija tkun tista' żżomm il-pass ta' l-iżviluppi teknoloħiċi.

(65) Fuq din il-bażi, jekk il-miżuri jiġu mħassrin, hemm il-probabbiltà li l-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi jerġgħu jiffabbrikaw TCS sħaħ fil-Ġappun, kif imsemmi hawn fuq, il-kapaċità ta' produzzjoni teżisti, id-dipartimenti għarriċerka u l-iżvilupp qegħdin f'posthom u minn hemm ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-ekonomiji tad-daqs. Barra minn hekk, ġie kkonsidrat li l-fabbrikanti u esportaturi x'aktarx ikomplu jbigħu il-prodotti tagħhom fis-suq tal-Komunità bi prezzijiet imnaqqsin b'mod sinifikanti minn dawk ta' l-industrija tal-Komunità, u għalhekk jikkontribwixxu għall-kontinwazzjoni tas-sitwazzjoni li twassal għal telf għall-industrija tal-Komunità.

(66) F'dak li għandu x'jaqsam mal-komportament tal-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi f'pajjiżi terzi, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mqiegħdha għad-disposizzjoni mill-industrija tal-Komunità, il-komportament tal-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi fil-Komunità huwa parallel mal-komportament tagħhom fl-US. Fiż-żewġt iswieq, il-prezzijiet Ġappuniżi kienu, b'mod ġenerali, orħos minn dawk ta' l-industrija tal-Komunità u dan matul l-IIP kollu, imma bl-aktar mod partikolari fl-1998.

(67) B'aktar mod speċifiku, meta tiġi analizzata l-informazzjoni għad-disposizzjoni fuq appalti fis-swieq ta' l-Amerika ta' Fuq, instab illi l-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi kienu qegħdin jagħmlu skonti sa 70 % mil-lista tal-prezzijiet tagħhom u li konsegwentement l-prezzijiet offruti

[1] L-oriġini ta' dawn it-TCS tibqa' mhux ċara minħabba li ma setax jiġi determinat jekk dawn kienux importati mill-Ġappun kif inhuma jew jekk, kif imsemmi hawn fuq, partijiet minnhom biss kienu importati sabiex jiġu immuntati sussegwentement fil-Komunità.

[2] Sejħiet għall-offerti normalment jinkludu TCS kompluti mhux TCHs biss.

minnhom kienu sa 50 % orħos mill-prezzijiet offruti mill-industrija tal-Komunità. Barra minn hekk, ċertu elementi ta' TCS jew anke tagħmir ieħor mibjugħ mat-TCS fl-istess appalt, kienu xi kultant offruti b'xejn jew bi skonti għoljin ħafna, bħalma diġà ssemma, ta' 70 %.

(68) Barra minn hekk, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni għad-disposizzjoni dwar offerti għal appalti li saru fl-Amerika Latina, l-prezzijiet offruti mill-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi kienu wkoll orħos minn dawk ta' l-industrija tal-Komunità fi proporzjonijiet simili u kien jeżisti wkoll l-istess komportament relatat ma' skonti u l-prodotti li ġew offruti mingħajr ħlas.

(69) Minn dan ta' hawn fuq, ġie konkluż illi, fin-nuqqas ta' miżuri, il-prezzijiet tal-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi jistgħu ta' l-anqas jibqgħu kif inhuma bħalissa fis-suq tal-Komunità li huma sinifikativament orħos minn dawk ta' l-industrija tal-Komunità u hemm il-potenzal li jorħsu għal-livelli tal-prezzijiet li jikkomparaw ma' importazzjonijiet li joriġinaw mill-Ġappun fis-swieq ta' l-Istati Uniti, Kanadiż, u Latin Amerikan jew għal livell ta' prezzijiet li nstabu fl-investigazzjoni oriġinali.

Konklużjoni dwar ir-rikorrenza ta' dumping li jwassal għal telf

(70) Wara dak li ntqal hawn fuq, jiġifieri l-fatturi li ġejjin:

— minkejja l-miżuri fis-seħħ, l-industrija tal-Komunità kienet għadha f'sitwazzjoni ekonomika diffiċli;

— il-bejgħ ta' TCHs fabbrikati mill-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi kellhom posizzjoni eċċezzjonalment qawwija fuq is-suq tal-Komunità u sar bi prezzijiet estremament baxxi meta mqabblin mal-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità;

— il-prezzijiet li l-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi jistgħu iżommu fin-nuqqas tal-miżuri kontra d-*dumping* ġew determinati bħala potenzalment baxxi ħafna jekk wieħed jikkonsidra l-komportament tal-fabbrikanti fis-swieq ta' l-Amerika ta' Fuq u Latin Amerikan, fejn il-prezzijiet tagħhom kienu orħos minn dawk ta' l-industrija tal-Komunità;

— l-informazzjoni għad-disposizzjoni dwar il-kapaċità ta' produzzjoni fil-Ġappun kif ukoll dwar il-possibiltà li jespandu meta jkun neċessarju sabiex jirrispondu għall-espansjoni fid-domanda jagħtu indikazzjoni li l-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi għandhom il-potenzal li jgħollu l-produzzjoni u l-volumi ta' esportazzjoni;

— anke meta kien hemm dazju kontra d-*dumping* għoli li jlaħħaq sal-200 %, il-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi xorta kienu kappaċi joffru prezzijiet li kienu orħos minn dawk ta' l-industrija tal-Komunità, u għalhekk jagħtu l-indikazzjoni li huma kappaċi jżommu politika ta' prezz aggressiva minkejja l-miżuri fis-seħħ;

huwa konkluż li, jekk il-miżuri jitneħħew, hemm il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' *dumping* li jwassal għal telf u li l-miżuri li bħalissa huma fis-seħħ għandhom jinżammu.

G. INTERESS TAL-KOMUNITÀ

1. Daħla

(71) Skond l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-prolongament tal-miżuri kontra d-*dumping* eżistenti jkunx kontra l-interess tal-Komunità in ġenerali. Id-determinazzjoni ta' l-interess tal-Komunità kienet bażata fuq stima ta' l-interessi kollha involuti.

(72) Sabiex jiġi stimat l-impatt probabbli tal-kontinwazzjoni jew tat-twaqqif tal-miżuri, il-Kummissjoni talbet informazzjoni mingħand l-industrija tal-Komunità u l-utenti tat-TCS. Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lil aktar minn sittin utent tal-prodott kkonċernat. Kienu rċevuti 15 -il risposta, għalkemm l-informazzjoni provduta kienet f'ħafna każijiet mhux kompleta.

(73) Wieħed għandu jiftakar illi, fl-investigazzjoni preċedenti, l-adozzjoni ta' miżuri kienet ikkonsidrata li ma tmurx kontra l-interessi tal-Komunità. Barra minn hekk għandu jiġi notat illi l-investigazzjoni preżenti hija reviżjoni, għalhekk li tanalizza sitwazzjoni fejn il-miżuri kontra d-*dumping* diġà jeżistu. Konsegwentement, din l-investigazzjoni għandha tgħin sabiex jiġi stimat xi impatt negattiv li l-miżuri kontra d-*dumping* li hemm bħalissa seta' kellhom fil-passat fuq il-partijiet konċernati.

(74) Fuq din il-bażi ġie stimat, jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà u/jew rikorrenza ta' *dumping* li jwassal għal telf, jeżistux raġunijiet sodi li jistgħu iwasslu għall-konklużjoni li m'huwiex fl-interess tal-Komunità li f'dan il-każ jinżammu l-miżuri.

2. Interessi ta' l-industrija tal-Komunità

(75) Huwa kkonsidrat illi jekk ma jinżammux il-miżuri kontra d-*dumping* stabbiliti fl-investigazzjoni preċedenti, hemm il-probabbiltà li d-*dumping* li jwassal għal telf ikompli jew ikun rikorrenti u li s-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità, li għandha fraġli, tkompli tiddeterjora.

(76) Kif ġie muri hawn fuq, l-industrija tal-Komunità kienet affettwata mill-bejgħ ta' TCHs bi prezzijiet baxxi mill-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi waqt l-IIP. Ġie għalhekk ikkonsidrat illi l-għan tal-miżuri kontra d-*dumping* taħt reviżjoni, i.e. sabiex terġa' tiġi stabbilita kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-Komunità bejn il-produtturi tal-Komunità u l-produtturi u esportaturi minn pajjiżi terzi, għadu ma ntlaħaqx kompletament.

(77) L-industrija tal-Komunità wriet li hi strutturalment vijabbli u industrija li tirnexxi, kapaċi li tadatta il-gamma tal-prodotti tagħha għall-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq li dejjem jinbiddlu u anke li tiggwadanja vantaġġ teknoloġiku fl-iżvilupp tat-teknoloġija diġitali, li ġie kkonfermat b'mod partikolari bl-investiment li għamlet matul l-IIP.

(78) Madankollu, ma jistgħax jiġi eskluż illi din l-industrija tista' tnaqqas l-attivitajiet ta' fabbrikazzjoni tagħha għall-prodott konċernat fil-Komunità jekk il-miżuri kontra d-*dumping* ma jinżammewx. Din il-konklużjoni hija ġustifikata minħabba d-dewmien tas-sitwazzjoni ta' profitabilità negattiva (matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni, l-industrija tal-Komunità ġarrbet telf ta' madwar 10 %). Kif imsemmi hawn fuq, mingħajr il-miżuri kontra d-*dumping*, hemm il-probabbiltà li jerġgħu jibdew l-importazzjonijiet ta' TCHs li joriġinaw mill-Ġappun u l-effett tagħhom li jbaxxu l-prezzijiet ikompli jġib fix-xejn l-isforzi ta' l-industrija tal-Komunità sabiex terġa' tikseb marġni sodisfaċenti ta' profitabbilità, li huwa b'mod speċjali neċessarju sabiex wieħed iżomm aġġornat ma' l-iżviluppi teknoloġiċi f'dan it-tip ta' industrija. Barra minn hekk, minħabba li ċertu operazzjonijiet fil-produzzjoni tat-TCHs jirrikjedu xogħol intensiv, hemm possibilità kbira li dawn jiġu rilokati għal pajjiżi fejn ix-xogħol huwa rħis sabiex jiġu mnaqqsin l-ispejjeż.

(79) Tabilħaqq, jekk is-sitwazzjoni ekonomika, diġà deterjorata, ta' l-industrija tal-Komunità tkompli tiddeterjora, tista' tkun kostretta tnaqqas l-attivitajiet ta' fabbrikazzjoni tagħha fil-Komunità, u madwar 250 impieg li għandhom x'jaqsmu direttament mal-prodott konċernat ikunu fil-periklu. Jekk, madankollu il-miżuri kontra d-*dumping* jibqgħu fis-seħħ, din l-industrija tkun kapaċi żżomm u tkompli tiżviluppa l-attivitajiet tagħha fil-Komunità. Barra minn dan, numru ieħor ta' impiegi li indirettament huma relatati mal-fabbrikazzjoni ta' TCS, l-aktar fir-riċerka u żvilupp ikunu garantiti. Għalhekk, l-impiegi fil-Komunità relatati ma' TCS ikunu garantiti u jista' anke jkun mistenni li jiżdiedu jekk il-miżuri kontra d-*dumping* jibqgħu fis-seħħ.

(80) F 'dak li għandu x'jaqsam ma' żviluppi fir-riċerka u żvilupp, il-fabbrikazzjoni ta' sistemi ta' telekameras tista' tħalli effetti ta' benefiċċju kbir waqt l-iżvilupp li huma relatati l-aktar ma' l-iżvilupp ta' parti tat-TCHs, i.e. il-blokk CCD, minħabba li l-komponenti tagħha jiġu wżati wkoll għall-applikazzjonijiet oħrajn bħal sistemi ta' sigurtà, u applikazzjonijiet mediċi, industrijali u ta' telekomunikazzjoni. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' industrija tal-Komunità li tiffabbrika TCS għandha impatt fuq l-industrija televiżiva kollha, i.e. mill-iżvilupp u l-fabbrikazzjoni tat-tagħmir għax-xandir sal-fabbrikazzjoni ta' settijiet tat-televiżjoni u rekorders, imma din jista' wkoll ikollha effett fuq l-i*standards* stabbiliti għas-settur televiżiv tal-Komunità fil-futur qrib.

(81) Minħabba dak li ntqal hawn fuq, ġie konkluż illi, il-prolongament tal-miżuri sabiex ibiegħu l-effetti negattivi ta' l-importazzjonijiet oġġett ta' *dumping* li jistgħu jipperikolaw l-eżistenza ta' l-industrija tal-Komunità u konsegwentement ta' numru ta' impiegi l-industrija, huwa neċessarju. Għandu wkoll jiġi kkonsidrat illi jekk din l-industrija ta' teknoloġija għolja tispiċċa, ser ikun hemm impatt negattiv fuq l-industrija televiżiva in ġenerali.

3. **Interess ta' importaturi relatati u operaturi ekonomiċi fil-Komunità**

(82) F'dak li għandu x'jaqsam ma' operaturi ekonomiċi fil-Komunità relatati ma' fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi, hemm il-probabbiltà li d-deċiżjoni li jinżammu l-miżuri kontra d-*dumping* ikollha effetti posittivi f'relazzjoni mal-produzzjoni u l-impiegi fil-Komunità, minħabba li xi whud mill-attivitajiet ta' fabbrikazzjoni ta' TCS li jsiru fil-Komunità isiru aktar u aktar importanti kif evidenzat wara l-bidu ta' l-investigazzjoni ta' l-US u ma jergħux jiġu rilokati fil-Ġappun.

4. **Interess ta' l-utenti**

(83) L-utenti ta' TCS kienu l-aktar kumpanniji tax-xandir liċenzati li jxandru l-programmi tagħhom billi jużaw t-tagħmir tagħhom. Madankollu, kien hemm ukoll xandara liċenzati li ma xandrux il-programmi tagħhom kif ukoll kumpanniji li jiffabbrikaw makkinarju li jfornu tagħmir inkluż sistemi ta' kameras kif ukoll ekwipaġġ lill-klijenti tagħhom u, fl-aħħar, kumpanniji li jikru li jipprovdu kameras u tagħmir ieħor lil diversi klijenti. Dawn l-utenti kollha ta' TCS normalment xtraw direttament mingħand il-fabbrikanti ta' TCS.

(84) Ħmistax minn sittin utent biss minn dawk li l-Kummissjoni kienet bagħtitilhom il-kwestjonarju rrispondew u kkoperaw parzjalment. Il-livell u l-grad baxx ta' koperazzjoni nnifsu huwa indikazzjoni li dan is-settur ma ġarrabx xi effett negattiv sostanzjali fis-sitwazzjoni ekonomika tiegħu bħala riżultat tal-miżuri kontra d-*dumping*.

(85) Din il-konklużjoni kienet taqbel mar-riżultati ta' proċeduri preċedenti fejn kien instab illi għall-utenti t-TCS ma kienux fattur sinifikanti fl-ispejjeż, minħabba li f'relazzjoni mal-produzzjoni tagħhom tal-programmi li jixxandru, dawn kienu jammontaw għal proporzjon żgħir mill-ispejjeż totali. Tabilħaqq, meta tħares biss lejn l-ispejjeż tat-tagħmir ta' l-utenti, l-ispejjeż f'TCS jirrappresentaw madwar 10 % ġewwa studjo u laħħqu sa 20 % f'vettura żgħira għax-xandir minn barra. Madankollu, meta tħares lejn l-ispejjeż totali ta' kumpannija tax-xandir, u mhux biss lejn it-tagħmir, il-persentaġġ naqas minħabba li kien hemm spejjeż aktar importanti bħall-produzzjoni tal-programm, personàl, *overheads*, eċċ. li kienu kollha 'l fuq mis-sempliċi spiża ta' TCS. Barra minn dan, il-medja ta' kapaċità ta' utilità ta' TCS ġiet stmata mill-utenti li kkoperaw għal tmien snin li eċċezzjonalment tista' tlaħħaq aktar minn ħmistax -il sena, li jfisser li TCS m'humiex fattur ta' spiża rikorrenti għall-utenti.

(86) Bl-istess mod, f'termini ġenerali, l-effetti fuq kull kategorija ta' utenti kienu relattivament limitati meta mqabblin maddaqs tal-qligħ globali tal-kumpanniji li jxandru u ta' kumpanniji oħrajn li jużaw TCS, i.e. ix-xiri ta' TCS jirrappreżenta madwar 0,1 % tal-qligħ globali tal-kumpanniji li jxandru u madwar 1 % tal-qligħ ta' kumpanniji li jagħmlu produzzjonijiet u li jikru.

(87) L-investigazzjoni wriet ukoll, kif msemmi hawn fuq, li l-prezzijiet ta' TCS fil-Komunità bl-ebda mod ma żdiedu b'mod sinifikanti wara l-imposizzjoni ta' dazju kontra d-*dumping* fuq importazzjonijiet ta' TCS li joriġinaw mill-Ġappun. Tabilħaqq, ċertu utenti komplew jużaw, u anke bdew jixtru TCS fabbrikati mill-fabbrikanti u esportaturi li joriġinaw mill-Ġappun. Għalhekk dawn il-miżuri ma kienux ta' deterrent għall-utenti ta' TCS li jwassalhom ibiddlu is-sors tal-fornitura. Għalhekk, kull żidea fil-prezz ta' l-importazzjonijiet apparentament ma kienx tali li tikkostitwixxi inkonvenjent sinifikanti.

(88) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, jista' jiġi eskluż li l-miżuri kontra d-*dumping* kellhom xi influwenza negattiva sinifikanti fuq s-sitwazzjoni ta' l-ispejjeż u fuq il-profitabilità ta' l-utenti tal-prodott konċernat. Għalhekk, ir-riżultat tal-miżuri kontra d-*dumping* fis-seħħ ma kienx li jagħlaq is-suq tal-Komunità għal TCS fabbrikati minn fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi, imma aktar li jopponi l-prattiċi ta' kummerċ inġusti u li jirrimedjaw sa ċertu punt l-effetti ta' distorsjoni ta' l-importazzjoni li hi l-oġġett ta' *dumping*.

(89) Sa minn meta l-miżuri kienu fis-seħħ għal ċertu perjodu ta' żmien u kieku jibqgħu fl-istess livell, jista' jiġi konkluż li dan ma jimplika l-ebda deterjorament tas-sitwazzjoni ta' l-utenti.

5. **Kompetizzjoni u effetti ta' distorsjoni tal-kummerċ**

(90) F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-effetti fuq il-kompetizzjoni fil-Komunità, xi partijiet interessati argumentaw illi, jekk il-miżuri kontra d-*dumping* jibqgħu fis-seħħ, dan iwassal għall-għajbien tal-fabbrikanti u esportaturi konċernati mis-suq tal-Komunità, u għalhekk inaqqas b'mod konsiderevoli l-kompetizzjoni, u għal żieda fil-prezzijiet ta' TCS.

(91) Madankollu, jidher li l-probabbiltà hija aktar li l-fabbrikanti u esportaturi Ġappuniżi jibqgħu ikomplu jbigħu TCS għalkemm bi prezzijiet li ma jikkawżawx telf, minħabba li għandhom bażi teknoloġika qawwija, posizzjoni b'saħħitha fis-suq u faċilitajiet għall-produzzjoni fil-Komunità. Din il-konklużjoni hija kkonfermata b'aktar żviluppi għall-imposizzjoni ta' dazju kontra d-*dumping* fl-1994 u taż-żieda fir-rata fl-1997, li ma wasslitx għal xi effett negattiv għall-kompetizzjoni fis-suq tal-Komunità.

(92) Minħabba l-iżvilupp teknoloġiku mgħaġġel f'dan is-settur, il-kompetizzjoni, sejra, mingħajr dubju, tibqa' b'saħħitha wara l-kontinwazzjoni tal-miżuri kontra d-*dumping*. Ukoll, minħabba l-fatt illi numru ta' partijiet fis-suq għat-TCS fil-ġranet tal-lum stabbilew l-faċilitajiet ta' fabbrikazzjoni għal dawn il-prodotti fil-Komunità, dawn ser ikunu kapaċi jissodisfaw id-domanda ta' l-utenti u joffru sensiela vasta ta' mudelli. Għalhekk, il-kontinwazzjoni tal-miżuri kontra d-*dumping* li qegħdin fis-seħħ m'humiex sejrin jillimitaw l-għażla ta' l-utenti jew inaqqsu l-kompetizzjoni.

6. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Komunità**

(93) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, huwa konkluż illi ma hemmx raġunijiet sodi biżżejjed fuq bażi ta' interess tal-Komunità kontra l-prolongament tal-miżuri kontra d-*dumping* eżistenti.

H. **MIŻURI KONTRA D-*DUMPING***

(94) Il-partijiet konċernati kollha kienu informati bil-fatti essenzali u l-konsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom kien hemm il-ħsieb li jinżammu d-dazji kontra d-*dumping* eżistenti fil-konfront ta' importazzjonijiet ta' TCS li joriġinaw mill-Ġappun. Ingħataw ukoll perjodu li fih setgħu jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara dan l-iżvelar. L-ebda kumment ma kien ta' natura tali li jbiddel il-konklużjonijiet ta' hawn fuq.

(95) Isegwi minn dak li ntqal hawn fuq li, kif previst bl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, id-dazju kontra d-*dumping* li hu fis-seħħ bħalissa fil-konfront ta' importazzjonijiet ta' TCS li joriġinaw mill-Ġappun impost bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1015/94, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1952/97, għandu jibqa' fis-seħħ.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Qiegħed hawnhekk jiġi impost dazju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' sistemi ta' telekameras u partijiet minnhom, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8525 30 90 (kodiċi TARIC: 8525 30 90 10), ex 8537 10 91 (kodiċi TARIC 8537 10 91 91), ex 8537 10 99 (kodiċi TARIC 8537 10 99 91), ex 8529 90 81 (kodiċi TARIC 8529 90 81 38), ex 8529 90 88 (kodiċi TARIC 8529 90 88 32), ex 8543 89 95 (kodiċi TARIC 8543 89 95 39), ex 8528 21 14 (kodiċi TARIC 8528 21 14 10), ex 8528 21 16 (kodiċi TARIC 8528 21 16 10) u ex 8528 21 90 (kodiċi TARIC 8528 21 90 10 li joriġinaw mill-Ġappun.

2. Is-sistemi ta' telekameras jistgħu jikkonsistu f'kombinazzjoni tal-partijiet li ġejjin, importati flimkien jew separatament:

(a) *head* tal-kamera bi tlett jew aktar sensuri (strument *charge-coupled u pick-up* ta' 12 mm jew aktar) b'aktar minn 400 000 *pixels kull* wieħed, li jistgħu jitqabbdu ma' *adapter* fuq wara, u li għandha speċifikazzjonijiet tar-*ratio* tas-sinjal akustiku ta' 55 dB jew aktar meta jkun qiegħed jaqbad b'mod mormali; jew f'biċċa waħda mal-*head* tal-kamera u l-*adapter* flimkien f'"kaxxa" waħda, jew separati;

(b) ħġieġa minn fejn wieħed jara (*viewfinder*) (diagonali ta' 38 mm jew aktar);

(ċ) stazzjon bażi jew unit għall-kontroll tal-kamera (CCU) mqabbad mal-kamera b'wajer;

(d) panel għall-kontroll operazzjonali (OCP) għall-kontroll tal-kamera (i.e. aġġustament tal-kulur, il-ftuħ tal-lenti jew tad-dijaframma) tal-kameras singoli;

(e) panel prinċipali għall-kontroll (MCP) jew *unit* ta' struttura ta' organizzazzjoni prinċipali (MSU) b'selezzjoni indikata tal-kamera, għad-dehra ġenerali u għall-aġġustament ta' diversi kameras li jitħaddmu minn diversi kameras 'il bogħod.

3. Dan id-dazju m'għandux japplika għal:

(a) lentijiet;

(b) vidjo tejp rekorders;

(ċ) *heads* tal-kamera b'unit għar-reġistrazzjoni fl-istess, inseparabbli "kaxxa";

(d) kameras professjonali li ma jistgħux jintużaw għax-xandir;

(e) kameras professjonali imniżżlin fl-Anness (kodiċi addizzjonali TARIC: 8786).

4. Meta sistema ta' telekamera tiġi importata bil-lenti il-valur ħieles fil-fruntiera tal-Komunità wżat fl-applikazzjoni tad-dazju kontra d-*dumping* għandu jkun dak ta' sistemi ta' telekameras mingħajr lenti. Jekk dan il-valur ma jkunx speċifikat fil-fattura l-importatur irid jiddikjara l-valur tal-lenti fiż-żmien meta jkun jista' jiġi ċirkolat b'mod ħieles u għandu jissottometti l-evidenza appropjata u l-informazzjoni f'dik l-okkażjoni.

5. Ir-rata ta' dazju kontra d-*dumping* għandha tkun ta' 96,8 % tal-prezz ħieles fil-fruntiera tal-Komunità nett, qabel dazju (kodiċi addizzjonali TARIC: 8744) minbarra għall-prodotti fabbrikati mill-kumpanniji li ġejjin li għalihom ir-rata se tkun din li ġejja:

— Ikegami Tsushinki Co. Ltd: 200,3 % (kodiċi addizzjonali TARIC 8741),

— Sony Corporation: 108,3 % (kodiċi addizzjonali TARIC: 8742),

— Hitachi Denshi Ltd: 52,7 % (kodiċi addizzjonali TARIC: 8743).

6. Id-disposizzjonijiet fis-seħħ dwar dazji doganali għandhom jgħoddu.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fil-kumplessità tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Settembru 2000.

F'isem il-Kunsill

Il-President

C. TASCA

ANNESS

Lista ta' kameras professjonali li ma jikkwalifikawx bħala kamera għax-xandir li huma eżenti mill-miżuri

Isem tal-kumpannija	*Heads* tal-kamera	*Viewfinder*	*Camera control unit*	*Operational control unit*	*Master control unit* (*)	*Camera adaptors*
Sony	DXC-M7PK	DXF-3000CE	CCU-M3P	RM-M7G	—	CA-325P
	DXC-M7P	DXF-325CE	CCU-M5P			CA-325AP
	DXC-M7PH	DXF-501CE	CCU-M7P			CA-325B
	DXC-M7PK/1	DXF-M3CE				CA-327P
	DXC-M7P/1	DXF-M7CE				CA-537P
	DXC-M7PH/1	DXF-40CE				CA-511
	DXC-327PK	DXF-40ACE				CA-512P
	DXC-327PL	DXF-50CE				CA-513
	DXC-327PH	DXF-601CE				VCT-U14 (1)
	DXC-327APK	DXF-40BCE				
	DXC-327APL	DXF-50BCE				
	DXC-327AH	DXF-701CE				
	DXC-537PK	DXF-WSCE (1)				
	DXC-537PL					
	DXC-537PH					
	DXC-537APK					
	DXC-537APL					
	DXC-537APH					
	EVW-537PK					
	EVW-327PK					
	DXC-637P					
	DXC-637PK					
	DXC-637PL					
	DXC-637PH					
	PVW-637PK					
	PVW-637PL					
	DXC-D30PF					
	DXC-D30PK					
	DXC-D30PL					
	DXC-D30PH					
	DSR-130PF					
	DSR-130PK					
	DSR-130PL					
	PVW-D30PF					
	PVW-D30PK					
	PVW-D30PL					
	DXC-327BPF					
	DXC-327BPK					
	DXC-327BPL					
	DXC-327BPH					
	DXC-D30WSP (1)					

(*) Jissejħu wkoll *master set up unit* (MSU) jew *master control panel* (MCP).

(1) eżenti taħt il-kondizzjoni li s-sistema korrispondenti bi tlett assi jew adattu bi tlett assi ma jiġux mibjugħin fis-suq ta' l-UE.

Isem tal-kumpannija	*Heads* tal-kamera	*Viewfinder*	*Camera control unit*	*Operational control unit*	*Master control unit* (*)	*Camera adaptors*
Ikegami	HC-340 HC-300 HC-230 HC-240 HC-210 HC-390 LK-33 HDL-30MA HDL-37 HC-400 (1) HC-400W (1)	VF15-21/22 VF-4523 VF15-39 VF15-46 (1) VF5040 (1) VF5040W (1)	MA-200/230 MA-200A (1)	RCU-240 RCU-390 (1)	—	CA-340 CA-300 CA-230 CA-390 CA-400 (1)
Hitachi	SK-H5 SK-H501 DK-7700 DK-7700SX HV-C10 HV-C11 HV-C10F Z-ONE (L) Z-ONE (H) Z-ONE Z-ONE A (L) Z-ONE A (H) Z-ONE A (F) Z-ONE A Z-ONE B (L) Z-ONE B (H) Z-ONE B (F) Z-ONE B Z-ONE B (M) Z-ONE B (R) FP-C10 (B) FP-C10 (C) FP-C10 (D) FP-C10 (G) FP-C10 (L) FP-C10 (R) FP-C10 (S) FP-C10 (V) FP-C10 (F) FP-C10 FP-C10 A FP-C10 A (A) FP-C10 A (B)	GM-5 (A) GM-5-R2 (A) GM-5-R2 GM-50 GM-8A (1)	RU-C1 (B) RU-C1 (D) RU-C1 RU-C1-S5 RU-C10 (B) RU-C10 (C) RC-C1 RC-C10 RU-C10 RU-Z1 (B) RU-Z1 (C) RU-Z1 RC-C11 RU-Z2 RC-Z1 RC-Z11 RC-Z2 RC-Z21 RC-Z2A (1) RC-Z21A (1)	—	—	CA-Z1 CA-Z2 CA-Z1SJ CA-Z1SP CA-Z1M CA-Z1M2 CA-Z1HB CA-C10 CA-C10SP CA-C10SJA CA-C10M CA-C10B CA-Z1A (1) CA-Z31 (1) CA-Z32 (1)

(*) Jissejjhu wkoll *master set up unit* (MSU) jew *master control panel* (MCP).

(1) eżenti taht il-kondizzjoni li s-sistema korrispondenti bi tlett assi jew adattu bi tlett assi ma jiġux mibjugħin fis-suq ta' l-UE.

Isem tal-kumpannija	*Heads* tal-kamera	*Viewfinder*	*Camera control unit*	*Operational control unit*	*Master control unit* (*)	*Camera adaptors*
Hitachi *(ikompli)*	FP-C10 A (C) FP-C10 A (D) FP-C10 A (F) FP-C10 A (G) FP-C10 A (H) FP-C10 A (L) FP-C10 A (R) FP-C10 A (S) FP-C10 A (T) FP-C10 A (V) FP-C10 A (W) Z-ONE C (M) Z-ONE C (R) Z-ONE C (F) Z-ONE C HV-C20 HV-C20M Z-ONE-D Z-ONE-D (A) Z-ONE-D (B) Z-ONE-D (C) Z-ONE.DA (1) V-21 (1) V-21W (1)					
Matsushita	WV-F700 WV-F700A WV-F700SHE WV-F700ASHE WV-F700BHE WV-F700ABHE WV-F700MHE WV-F350 WV-F350HE WV-F350E WV-F350AE WV-F350DE WV-F350ADE WV-F500HE (*) WV-F565HE AW-F575HE	WV-VF65BE WV-VF40E WV-VF39E WV-VF65BE (*) WV-VF40E (*) WV-VF42E	WV-RC700/B WV-RC700/G WV-RC700A/B WV-RC700A/G WV-RC36/B WV-RC36/G WV-RC37/B WV-RC37/G WV-CB700E WV-CB700AE WV-CB700E (*) WV-CB700AE (*) WV-RC700/B (*) WV-RC700/G (*) WV-RC700A/B (*) WV-RC700A/G (*) WV-RC550/G WV-RC550/B	—	—	WV-AD700SE WV-AD700ASE WV-AD700ME WV-AD250E WV-AD500E (*) AW-AD500AE AW-AD700BSE

(*) Jissejjħu wkoll *master set up unit* (MSU) jew *master control panel* (MCP).

(1) eżenti taħt il-kondizzjoni li s-sistema korrispondenti bi tlett assi jew adattu bi tlett assi ma jiġux mibjugħin fis-suq ta' l-UE.

Isem tal-kumpannija	*Heads* tal-kamera	*Viewfinder*	*Camera control unit*	*Operational control unit*	*Master control unit* (*)	*Camera adaptors*
JVC	KY-35E	VF-P315E	RM-P350EG			KA-35E
	KY-27ECH	VF-P550E	RM-P200EG			KA-B35U
	KY-19ECH	VF-P10E	RM-P300EG			KA-M35U
	KY-17FITECH	VP-P115E	RM-LP80E			KA-P35U
	KY-17BECH	VF-P400E	RM-LP821E			KA-27E
	KY-F30FITE	VP-P550BE	RM-LP35U			KA-20E
	KY-F30BE	VF-P116	RM-LP37U			KA-P27U
	KY-27CECH	VF-P116WE (1)	RM-P270EG			KA-P20U
	KH-100U	VF-P550WE (1)				KA-B27E
	KY-D29ECH					KA-B20E
	KY-D29WECH (1)					KA-M20E
						KA-M27E
Olympus	MAJ-387N		OTV-SX2			
	MAJ-387I		OTV-S5			
			OTV-S6			
	Camera OTV-SX					

(*) Jissejjħu wkoll *master set up unit* (MSU) jew *master control panel* (MCP).

(1) eżenti taħt il-kondizzjoni li s-sistema korrispondenti bi tlett assi jew adattu bi tlett assi ma jiġux mibjugħin fis-suq ta' l-UE.